**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 425/2022**

***MOIRA CHETCUTI, RUTH CAMILLERI U ŻEWĠHA STEVEN CAMILLERI GĦAL KULL INTERESS LI JISTA' JKOLLU, U CAROLINE CAMILLERI BĦALA WERRIETA TAD-DEĊEDUT JOSEPH CAMILLERI U ADELINA CAMILLERI F'ISIMHA PROPRJU U BĦALA WERRIETA TAD-DEĊEDUT JOSEPH CAMILLERI***

***VS.***

***KEVIN ZAMMIT U IAS LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-tliet talbiet imressqa mill-atturi kontra l-konvenuti Kevin Żammit u IAS Limited;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fit-**<u>23 ta' Mejju, 2022</u>**, l-atturi fissru li huma għandhom jirċievu mingħand iż-żewġ konvenuti s-somma ta' €146,325 bħala parti minn somma akbar ta' flus li għaliha l-konvenuti kkostitwew ruħhom debituri ta' Joe Camilleri u Adelina Camilleri;

3. Billi skont l-atturi din is-somma ta' €146,325 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tagħhom l-konvenuti Kevin Żammit u IAS Limited m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jressqu kontra din it-talba għall-ħlas, huma talbu lil din il-qorti biex:

> *«1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa għas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta u l-konvenut huma debituri solidalment tal-atturi fl-ammont ta' mija, sitta u erbgħin elf u tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€146,325);*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta u l-konvenut solidalment iħallsu lill-atturi s-somma ta' mija, sitta u erbgħin elf u tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€146,325);*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjetà konvenuta u l-konvenut solidalment.»*

4. B'digriet kamerali mogħti fis-26 ta' Mejju, 2022, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lill-konvenuti u tathom il-jedd li jekk iridu jressqu nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha jattakkaw il-proċedimenti magħmula mill-atturi, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet il-qorti wissiet lill-konvenuti li jekk huma ma jidhrux għas-smigħ, il-qorti kienet sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi, skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Għad li ż-żewġ konvenuti ġew notifikati fl-1 ta' Settembru, 2022, huma għażlu li ma jressqu l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jikkontestaw is-siwi ta' dawn il-proċeduri;

6. L-ewwel seduta li nżammet wara n-notifika tal-konvenuti kienet fis-16 ta' Settembru, 2022, però bi qbil bejn il-partijiet din is-seduta kellha tiġi differita għall-20 ta' Settembru, 2022 minħabba li l-konvenut Kevin Żammit kellu jkun imsiefer;

7. Fis-seduta tal-20 ta' Settembru, 2022, il-konvenuti ppreżentaw nota ta' ammissjoni ffirmata u maħlufa minn Kevin Żammit, li permezz tagħha l-konvenuti ammettew għat-talbiet kollha tal-atturi;

***Fatti***

8. Moira Chetcuti stqarret fir-rikors maħluf, li permezz ta' kitba privata datata 17 ta' Awwissu, 2017, il-konvenuti Kevin Żammit u IAS Limited iddikjaraw li, solidalment bejniethom, huma kellhom dejn ta' €411,011 ma' Joe Camilleri u Adelina Camilleri;

9. Dan id-dejn kien maqsum hekk: (i) fis-somma ta' €200,000 li kienet sejra tiġi mħallsa permezz ta' trasferiment ta' proprjetà fir-Rabat, Għawdex; (ii) fis-somma ta' €52,775 li dwarha kienet saret kostituzzjoni ta' debitu; u (iii) fil-bqija tas-somma ta' €158,325;

10. Skont il-kitba privata tas-17 ta' Awwissu, 2017, is-somma ta' €158,325 kellha tiġi mħallsa lura mill-konvenuti permezz ta' ħlasijiet ta' €5,000 kull xahar magħmul direttament fil-kont bankarju tal-kredituri (ara minn paġna 5 sa 7 tal-atti tal-kawża);

11. Joe Camilleri ġie nieqes fil-11 ta' Jannar, 2018 u wirtuh l-atturi;

12. Skont Moira Chetcuti, minkejja li l-konvenuti kien intrabtu li jwettqu ħlasijiet ta' €5,000 kull xahar, minn dakinhar tal-kitba privata 'l hawn, dawn wettqu biss pagamenti sporadiċi li jammontaw għas-somma totali ta' €12,000. Għalhekk, l-

atturi fetħu din il-kawża biex jiġbru l-bilanċ ta' €146,325, li baqa' ma ġiex imħallas;

***Konsiderazzjonijiet***

13. Illi l-konvenuti ppreżentaw nota waqt is-seduta tal-lum, fejn fiha huma ammettew għat-talbiet kollha mressqa mill-atturi;

14. Bil-liġi, skont l-**artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> *«Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.»*

15. Dwar l-ammissjoni, il-Qorti tal-Appell qalet fis-sentenza tagħha ***Kimberley Joy Agius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali*** deċiża fis-6 ta' Ottubru, 2010,

> *«Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija regina probationum u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara "**Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et**", Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970. »*

16. Ta' min jgħid ukoll, li l-ġurisprudenza tgħallimna li meta qorti jkollha quddiemha ammissjoni tal-konvenut hija trid timxi billi tilqa' t-talbiet attriċi u mhux li tiddikjara li l-mertu huwa eżawrit (ara ***Maria Grima v. Alfred Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020);

17. F'dan il-każ, il-qorti rat l-ammissjoni tal-konvenuti, li biha ddikjaraw li t-talbiet tal-atturi għandhom jintlaqgħu eżatt kif mitluba, inkluż ukoll bid-dispensa tas-smigħ. Għalhekk, la hemm qbil min-naħa tal-konvenuti li joqgħodu għat-talbiet tal-atturi, allura l-qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol biex tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-atturi. Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li

jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess;

18. Il-qorti ttemm billi tgħid li din is-sentenza qiegħda tingħata b'ħarsien mat-terminu ta' disgħin jum imsemmi fl-**artikolu 219A tal-Kap 12 tal-Liġijiet**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **Tilqa'** l-ewwel talba tal-atturi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u

ii. **Tilqa'** t-tieni u t-tielet talba tal-atturi u b'hekk tikkundanna lil Kevin Żammit u lil IAS Limited biex solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma ta' €146,325;

**Tordna** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri, jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenuti Kevin Żammit u IAS Limited solidalment bejniethom.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**